MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2003

It-Tabib Dr. Joseph Mizzi M.D., M.R.C.P. (U.K.)
vs
It-Tabib Principali tal-Gvern

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Lulju ta' 1993 huwa kien sofra ingustizzja b'konsegwenza ta' eskluzjoni indebita li saret bi hsara ghalih billi ma kienx inghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Professional Medical Officer IIA fid-Dipartiment tas-Sahha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Illi huwa kien ghadda mill-ezami MRCP part I f'Gunju ta' l-1993 kif jirrizulta mill-kopja tar-rizultat annessa mar-rikors u mmarkata Dokument A.

Illi skond il-prattika u prassi adoperata mid-Dipartiment tas-Sahha f'dak iz-zmien huwa kien awtomatikament intitolat ghall-promozzjoni msemmija mal-kisba ta' dina l-kwalifika.

Illi huwa kien applika ghal tali promozzjoni b'ittra indirizzata lit-Tabib Principali tal-Gvern tramite d-Direttur tal-Pedjatrija datata 17 ta' Lulju 1993, li taghha huwa kien rcieva acknowledgement datat 19 ta' Lulju 1993 - Dokument B u C rispettivament.

Illi minkejja dan huwa kien baqa' bla twegiba ghall-applikazzjoni tieghu u ghalhekk huwa kien kiteb lid-Direttur tar-Rizorsi Umani fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha fis-16 ta' Novembru 1994 u rcieva acknowledgement datat 17 ta' Novembru 1994 - Dokument D u E rispettivament.

Illi l-anqas ma seta' jinghad illi l-ftehim bejn il-Gvern u l-MAM li kien sar f'Awissu 1993 u illi in forza tieghu l-procedura ta' promozzjoni kif imfissra hawn fuq ma baqghetx fis-sehh, ghandu japplika ghar-rikorrent. Dan peress illi jekk gara dan ir-rikorrent kien gie retrattivament imcahhad minn dritt vestit illi huwa kien akkwista qabel l-iffirmar ta' tali ftehim. Inoltre l-applikazzjoni mir-rikorrent ghal dik il-promozzjoni kienet saret f'Lulju tal-1993 meta kienu ghadhom in vigore l-proceduri precedenti.

Illi r-rikorrent f'Lulju 1993 kellu l-kwalifika kollha necessarji ghal tali promozzjoni li gustament kien intitolat ghaliha skond il-proceduri ezistenti dakinhar.

Infatti fl-istess zmien zewg tobba ohra u cioe` Dottor Antoine Vella u Dottor Mark Vassallo li kienu gabu l-istess kwalifika fl-istess zmien, kienu hadu l-promozzjoni ghall-grad ta' Professional Medical Officer A li ghaliha kien applika r-rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ghal Professional Medical Officer II A b'effett minn Lulju tal-1993 jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi ai termini tal-klawsola 3.3 tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Assocjazzjoni Medika Maltija li kopja taghha giet annessa u mmarkata Dok BG 1, "Professional Medical Officers I who on the date of this agreement are in possession of qualifications which under current practice would have made them eligible to be recommended for the existing grade of Professional Medical Officer II, will be assimilated into the grade of Registrar with effect from 1 January 1991 or the date of their qualification whichever is the later".

Illi l-applikazzjoni ta' tali klawsola trid issir fid-dawl tal-klawsola 12 li tipprovdi "The provisions of this agreement shall come into effect on the 1 June 1993 unless otherwise specifically stated in any section of this agreement".

Illi stante li r-rikorrent kellu l-kwalifiki necessarji fit-8 ta' Lulju 1993 kif evidenzjat minn Dok A pprezentat mir-rikorrent, il-klawsola 3.3 ma hix applikabbli.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit u anke xehed in kontro-ezami u semma li f'Gunju 1993 kien ghadda b'success mill-ezami tal-MRCP part 1. F'Lulju 1993 kien applika ghall-promozzjoni ta' "Professional Officer II A". Dak iz-zmien, kull min kellu l-MRCP Part I, kien eligibbli biex ikun rakkomandat ghall-post ta' Professional Medical Officer II u kien jinghata din il-promozzjoni awtomatikament. Semma li fid-data ta' l-applikazzjoni ghall-promozzjoni hu kellu l-kwalifiki necessarji kollha u kien eligibbli biex inkun rakkomandat ghall-promozzjoni fil-grad ta' "Professional Medical Officer II" u jinghata din il-promozzjoni. Semma li zewg tobba Dr Mark Vassallo u Dr Antoine Vella li kisbu l-MRCP Part I mieghu inghataw il-post ta' Registrar. Qal li hu ha dik il-promozzjoni xi sitt snin wara.

Il-ftehim bejn il-Gvern u l-Medical Association of Malta li bidel il-kundizzjonijiet kif jinghataw il-promozzjonijiet kien gie ffirmat f'Awissu 1993 wara li kien diga` applika ghall-post ta' Professional Officer II. Il-ftehim kien jipprovdi li dawk it-tobba li fid-data tal-ftehim, fl-1 ta' Gunju 1993 kienu eligibbli ghall-grad ta' Professional Medical Officer, jinghataw il-grad jew registrar jew inkella Professional Medical Officer II, li huwa ekwivalenti ghall-Registrar. Permezz ta' dak il-ftehim, inbidlu l-kundizzjonijiet u ma baqghetx aktar awtomatika, li tinghata din il-promozzjoni, wara l-ezami ta' l-MRCP.

Semma li fl-1 ta' Gunju ir-rikorrent kien ghad ma kellux l-MRCP Part 1, u ghalhekk ma kienx jikkwalifika ghall-imsemmija promozzjoni skond dak il-ftehim. Hu qal li ma applikax ghall-promozzjoni skond il-kundizzjonijiet ta' l-imsemmi ftehim, imma skond il-kundizzjonijiet ezistenti f'Lulju tal-1993. Qal li l-ftehim bejn il-Gvern u l-MAM ma

jcahhduhx mid-drittijiet tieghu li kellu f'Lulju 1993. Hu hass li saret ingustizzja mieghu u ghalhekk qed jitlob kumpens finanzjarju.

Hu kien kiteb lid-Dipartiment tas-Sahha u kien ircieva biss acknowledgement, u ghadu ma rcieva ebda risposta sal-lum. Qal li tkellem ukoll mas-Sur Saviour Lautier, Direttur tar-Rizorsi Umani, fid-Dipartiment tas-Sahha u dwar dik il-kwistjoni Lautier qallu li issa r-regolamenti kienu nbidlu, u ma seta' jaghmel xejn.

Dwar iz-zewg tobba li rrefera ghalihom qal li huma kienu dahlu mal-Gvern fl-istess zmien mieghu u anke fil-Medical School kienu flimkien. Part 1 fl-MRCP huwa written exam u qal li fir-regolamenti l-godda kien gie mehtieg ikollok ukoll il-part 2. Qal li akkwista l-part 2 minn Jannar 1997 u l-promozzjoni tar-Registrar kien hadha fl-1999.

Xehed Dr. Antoine Vella Registrar Department Care of the Elderly u qal li gie appointed Registrar fit-8 ta' Lulju 1993, izda l-appointment kien hareg fit-12 ta' Settembru 1995. Qal li dak iz-zmien kien jippossjedi l-kwalifika ta' membership Part I MRCP. Lir-rikorrent jafu ghax kien fil-kors mieghu u ghamel l-ezami mieghu u qal li r-rikorrent kien gab il-Part I MRCP mieghu. F'dak li hu kwalifiki kienu ugwali.

Xehed Dr. Mark Vasallo Registrar fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u qal li gie appointed fl-1995 backdated minn 1993. Dak iz-zmien kien jippossjedi l-kwalifika ta' l-MRCP. Lir-rikorrent qal li jafu ghax kien ghamel l-ezami mieghu u gab il-kwalifika mieghu. Qal li hu meta gab il-Part I MRCP kien kiteb lid-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx gie appuntat mill-ewwel.

Xehed Saviour Lautier Direttur Rizorsi Umani tad-Dipartiment tas-Sahha fejn qal li fir-rigward ta' Dr Antoine Vella u Dr Mark Vassallo permezz ta' l-assimilation tal-1993 it-tobba kollha li kellhom Part I ta' kull dixxiplina medika, jew kellhom xi kwalifika ekwivalenti ghal PMO IIA, b'sehh ta' dak l-agreement kienu jigu assimilati fil-grad ta' Registrar minn dik id-data li hadu l-kwalifika. Xoghol id-

Dipartiment tas-Sahha kien li dawk it-tobba li kellhom il-kwalifika jressaq isimhom lill-PSC biex jigu assimilati bhala Registrar. Kellhom mas-600, hafna gradi minn konsulent 'l isfel u dawn it-tnejn min-nies Dr Mark Vassallo u Dr Antoine Vella li kellhom l-MRCP Part I diga`, ressqu isimhom biex fit-8 ta' Lulju 1993 jigu assimilati bhala Registrar. Fil-5 ta' Awissu 1995 giet l-approval u dawk il-500 tabib kulhadd ha l-assimilazzjoni tieghu.

Dwar Dr Joe Mizzi qal li ghalih kien fl-istess ilma. Qal li r-rikorrent kien bl-istess hin, bl-istess titlu, bl-istess ezami kollox l-istess. Meta iccekkja sab li kien inqabez mill-lista. Ma kienux issottomettewh. Qal li r-rikorrent kien talab li jissottomettuh darbtejn. Semma li probabbli kien zball tad-dipartiment. It-talba tieghu kienet intefghet fil-Personal File u huma kienu jahdmu go file iehor li jitkellem fuq Assimilation of Medical Grades.

Lautier qal li hu jemmen li r-rikorrent kellu jsir, li jitressaq ismu pero` ma jafx l-ohrajn tressqux bi zball. Semma li min kellu kwalifika qabel l-1 ta’ Gunju 1993 isir Registrar. Iz-zewg tobba li ssemmew u Dr Mizzi gabuha f'July, jigifieri wara. Qal li strictly speaking ma kellhomx iressquhom, u meta l-avukata taghhom qaltlu li kellha tigi milqugha. Mistoqsi jekk ghandiex tigi milqugha huwa wiegeb li le. Qal li fit-12 ta’ Marzu 2001 sar Senior Registrar Pediatrics. Lautier ma eskludiex li kien hemm ohrajn barra z-zewg tobba li ssemmew li gew assimilati f'registrar u li kienu gabu l-kwalifiki taghhom wara l-1st of June 1993. Ipprezenta dokument li juri d-differenza fil-paga li r-rikorrent tilef minn meta kieku sar Registrar fit-8 ta’ Lulju 1993 bhaz-zewg tobba l-ohra. L-arretrati dovuti lilu jammontaw ghal Lm4553.81.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk irrizulta li r-rikorrent f’Gunju 1993 kien ghadda b’success mill-ezami tal-MRCP part 1, u f’Lulju 1993 kien applika ghall-promozzjoni ta’ “Professional Officer II A”. Dak iz-zmien, kull min kellu l-MRCP Part I, kien eligibbli biex ikun rakkomandat ghall-post ta’ Professional Medical Officer II u kien jinghata din il-promozzjoni awtomatikament. Fid-data ta’ l-applikazzjoni ghall-

promozzjoni hu kellu l-kwalifiki necessarji kollha u kien eligibbli biex ikun rakkomandat ghall-promozzjoni fil-grad ta' "Professional Medical Officer II" u jinghata din il-promozzjoni. Irrizulta li zewg tobba Dr Mark Vassallo u Dr Antoine Vella li kisbu l-MRCP Part I mieghu inghataw il-post ta' Registrar, waqt li hu ha dik il-promozzjoni xi sitt snin wara. Irrizulta wkoll li kien intlehaq ftehim bejn il-Gvern u l-Medical Association of Malta li bidel il-kundizzjonijiet kif jinghataw il-promozzjonijiet kien gie ffirmat f'Awissu 1993 wara li kien diga` applika ghall-post ta' Professional Officer II. Il-ftehim kien jipprovdi li dawk it-tobba li fid-data tal-ftehim, fl-1 ta' Gunju 1993 kienu eligibbli ghall-grad ta' Professional Medical Officer, jinghataw il-grad jew Registrar jew inkella Professional Medical Officer II, li huwa ekwivalenti ghal Registrar. Permezz ta' dak il-ftehim, inbidlu l-kundizzjonijiet u ma baqghetx aktar awtomatika, li tinghata din il-promozzjoni, wara l-ezami ta' l-MRCP. Ir-rikorrent hass li saret ingustizzja mieghu u ghalhekk qed jitlob kumpens finanzjarju.

Fil-fehma tat-Tribunal dak li sar jammonta ghal ingustizzja fit-termini ta' l-Att VIII tal-1997. Kien hemm zmien meta hu applika li matulu l-ghoti tal-hatra kella tkun awtomatika u r-rikorrent applika ghaliha. Il-fatt li sussegwentement intlahaq ftehim iehor bejn il-Gvern u l-Union li tahtu r-rikorrent ma kellux dan id-dritt ma kienx inehhi d-dritt gja akkwizit tar-rikorrent. Ir-rikorrent kellu jinghata l-promozzjoni ghal Professional Medical Officer II A b'effett minn Lulju tal-1993. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Professional Medical Officer II A b'effett minn Lulju tal-1993, u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------